# IS-SURMAST KAVALLIER GUŻEPPI BUSUTTIL

*Tagħrif miġbur minn Ġużi Mallia*



Fil-ftit tagħrif li stajt niġbor insibu li aktarx li s-surmast Busuttil ħa d-direzzjoni tal-banda f'idejh fl-1925. Infatti fis-seduta li saret nhar is-26 t'April 1925 insibu miktub dan il-ġej: "F'din is-seduta ddeċidejna li s-surmast Ġużeppi Busuttil jiġi jħabbat programm għall-festa tas-Salib minflok is-surmast Costa li ma jistax ikompli aktar mal-banda tagħna." Aktar qabel, f'seduta oħra datata 27 ta' Marzu 1925 insibu miktub hekk: "F'din is-seduta tħadditna fuq il-ftehim li ntlaħaq mas-surmast Ġużeppi Busuttil. Il-ftehim jgħid li dan għandu jagħmel żewġ kunċerti fil-ġimgħa u s-salarju tiegħu ikun ta' erbgħa liri fix-xahar u l-ispejjeż għalih, barra minn xi programmi li nagħmlu barra B'Kara. Jekk ikollna programmi barra B'Kara l-ispejjeż li jagħmel is-surmast iħallashomlu l-każin".

Nitkellmu ftit issa fuq iż-żjarat li l-banda tagħna għamlet f'Tuneż f'diversi drabi. L-ewwel darba li marret il-banda kienet f'Lulju 1928. Minn tagħrif meħud mill-gazzetta "Mid Day Views" insibu li l-banda "Duke of Connaught" ta' Tuneż irregalat lis-surmast Busuttil tazza sabiħa tal-fidda. Ta' min jinnota li wkoll f'Tuneż hemm banda bl-isem ta' "Duke of Connaught" isem sinonimu mal-banda l-oħra ta' Birkirkara.

It-Tieni żjara li l-banda tagħna għamlet f'Tuneż kien fis-sena 1928 – f'Lulju. Mill-gazzetta "Il-Berqa" tal-25 ta' Lulju 1938 insibu li wara l-programm li għamlet il-banda "Sant'Elena" ta' Birkirkara, Malta is-surmast Busuttil ingħatalu arloġġ ta' l-irħam. Dan sar peress li s-surmast Busuttil wera ħila kbira fid-direzzjoni tiegħu u biex ifakkar din l-okkażjoni il-Bay ta' Tuneż ħatar lis-surmast Busuttil Kavallier.

It-Tielet żjara li l-banda tagħna għamlet f'Tuneż kien f'Lulju ta' sena wara tal-1938. Leħen is-Sewwa tat-22 ta' Lulju 1939 irraportat li l-banda Sant'Elena ġie mistiedna biex għat-tielet darba żżur Tuneż u waqt il-programm mużikali l-istess banda daqqet l-Innu Malti, li kienet l-ewwel darba li ndaqq barra minn xtutna minn banda Maltija. Wara l-programm mużikali s-surmast direttur Busuttil kien onorat mill-Bay ta' Tuneż u maħtur Officer.

Tagħrif ieħor li nsibu fuq is-surmast Busuttil hu li f'Birkirkara fl-1928 saru l-festi Ċentinarji ad unur Sant'Elena u s-surmast Busuttil ħa din l-opportunita biex jikkomponi innu di Gloria ad Unur Sant'Elena b'versi tal-kavallier Ġużè Dimech Debono, innu li għadu jindaqq sal-lum u sa din is-sena stess se jindaqq mill-Banda tagħna.

"Il-Berqa" tat-2 ta' Jannar 1961 irrapurtat il-funeral tas-surmast Busuttil. "Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru 1960 miet f'Birkirkara s-surmast Kavallier Ġużeppi Busuttil. Il-funeral sar mill-knisja ta' San Pawl sal-Bażilka ta' Sant'Elena akkumpanjat miż-żewġ baned ta' Birkirkara "St. Helena Band" u "Duke of Connaught Band" akkumpanjati miż-żewġ kumitati, kleru u mijiet ta' nies miġbura fit-toroq ta' Birkirkara".

Fil-35 sena li s-surmast Busuttil għamel jidderiġi l-banda tagħna, dan kiteb diversi marċi li għadhom jindaqqu sal-lum fosthom "Tal-Qalba" li għadu tant popolari ma' l-ammiraturi tal-banda tagħna. L-Innu tal-banda wkoll ġie miktub minnu fuq versi wkoll ta' Kav. Ġużeppi Dimech Debono.



***Il-Funeral tas-Surmast Busuttil f'Diċembru 1960 f'Birkirkara.***